MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Avviz Numru. 28/2013

**Marsovin Limited (C115)**

**vs**

**Alessandro Bianchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Jannar 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disat elef, erba' mija u disgha u tletin ewro (€9,439) bilanc ta' somma akbar mislufa lilu abbazi tal-kuntratt datat 4 ta' Mejju 2011, liema bilanc minkejja d-diversi interpellanzi ghall-hlas, baqa' ma thallasx (vide Dok A anness).

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-intimat li minn issa qed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datata 2 ta' Dicembru 2013 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur mis-socjeta' attrici, fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema (fol. 20 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-10 ta' Dicembru 2013 (fol 19) u fil-gazzetta lokali L-Orizzont nhar l-14 ta' Marzu 2014 (fol 25).

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-Prokuratur Legali tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar it-2 ta' April 2014.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' April 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb Id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, erba' mija u disgha u tletin ewro (€9,439) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-interessi mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------